MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-18 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 71/2011

**Carmel Cortis**

**-vs-**

**Paul Fenech**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-25 ta' Jannar 2011 li permezz tiegħu l-attur ippremetta:

1. Illi r-rikorrent huwa propjetarju tal-ħanut nurmu 32, 'Kalabardi Shop' Triq il-Qroll, Bugibba, limiti ta' San Pawl il-Baħar.

2. Illi l-esponent kien ta lill-intimat, kemm personalment kif ukoll tramite kumpaniji li fihom huwa azzjonista u direttur, diversi xogħol ta' manifattura u stallazzjoni ta' bibien u għamara.

3. Illi l-partijiet kienu ffirmaw l-iskrittura li kopja tagħha hija hawn annessa bħala Dok ‘A’ – għalkemm din qatt ma ġiet reġistrata skond il-liġi, għax hekk kien miftiehem bejn il-partijiet, għax din kellha sservi biss bħala garanzija li l-intimat jitħallas ta’ xogħlu – u l-intimat ingħata ċ-ċwievet u l-pussess tal-fuq imsemmi ħanut bin-numru 32, ‘Kalabardi Shop’, Triq il-Qroll, Buġibba, limiti ta’ San Pawl il-Baħar.

4. Illi l-intimat naqas milli jikkompleta l-appalti lilu mogħtija mir-rikorrent, kif fuq imsemmi, u tax-xogħol illi huwa effettivament eżegwixxa l-imsemmi intimat tħallas għas-saldu bit-trasferiment a favur tiegħu mis-soċjeta’ Gilkal Limited (illi tagħha r-rikorrent huwa azzjonista u direttur) tal-immobbli ndikati fil-kuntratt pubbliku datat 17 ta’ Frar 2010 in atti Nutar Dottor Vanessa Bonnici hawn anness bħala Dok ‘B’ kif ukoll b’garaxx fil-Fgura li kien ġie trasferit lill-istess intimat.

5. Illi l-intimat qiegħed ikompli jokkupa l-ħanut bin-numru 32, ‘Kalabardi Shop’, Triq il-Qroll, Buġibba, limiti ta’ San Pawl il-Baħar mingħajr ebda titolu validu skond il-liġi u għalkemm ġie interpellat diversi drabi sabiex jirritorna l-pussess vakant tal-imsemmi ħanut a favur tar-rikorrent (il-propjetarju tiegħu) l-intimat naqas milli jagħmel dan u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

**6.** Illi l-intimat anke ppreżenta rikors għall-ħruġ ta’ mandat t’inibizzjoni kontra l-attur odjern sabiex jinibih milli jittrasferixxi l-ħanut in kwistjoni lil terzi – Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 1762/10AL fl-ismijiet **“Paul Fenech vs Carmel Cortis”** – liema rikors pero ġie miċħud b’digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti tal-15 ta’ Diċembru 2010 bl-ispejjeż kollha kontra l-istess intimat odjern Paul Fenech.

**7.** Illi, fil-fehma tar-rikorrent l-intimat m’għandu ebda eċċezzjonijiet x’jagħti skond il-liġi sabiex jilqa’ għat-talbiet attriċi (*vide* affidavit hawn anness bħala Dok ‘C’) għalhekk din il-kawża għandha tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ u skond proċeduri speċjali sommarji.

Jgħid għalhekk l-intimat għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

(i) tiddispensa bis-smiegħ tal-kawża a tenur tal-artikolu 169 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

(ii) prevja kull dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u neċessarja, tiddikjara illi l-intimat qiegħed jokkupa l-ħanut bin-numru 32, 'Kalabardi Shop', Triq il-Qroll, Buġibba, limiti ta' San Pawl il-Baħar mingħajr ebda titolu validu skondil-liġi; u

(iii) konsegwentement tikkundanna lill-intimat sabiex fi żmien qasir perentorju li għandu jiġi prefiss minn din l-istess Onorabbli Qorti jirrilaxxja l-pussess vakant tal-ħanut fuq imsemmi a favur tar-rikorrent.

Bl-ispejjeż kollha u b'riżerva ta' kull azzjoni oħra spettanti lir-rikorrent, inkluż azzjoni għad-danni għall-okkupazzjoni bla titolu, kontra l-intimat minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-konvenut;

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum stess li permezz tiegħu l-Qorti ċahdet it-talba tal-konvenut li jikkontesta l-kawża u pposponiet il-kawża għas-sentenza.

**Illi għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi l-kawża billi *stante* li t-talba attriċi hija fondata u tirriżulta, tilqa' t-talbiet kollha attriċi u għall-fini tat-tielet talba tipprefiġġi terminu ta' xahar**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a karigu tal-konvenut**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------